MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 251/2004

**Robert Shaw**

**vs**

**Carmel Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' April, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm311.65), oltre tlieta fil-mija ghad-differenza ta'l-awment tal-VAT rappresentanti prezz ta' kaxex tal-pizza sabiex jintuza ghal bejgh ta' pizza minn hanut bl-isem "Falcon" li jinsab gewwa Zabbar Road, Fgura, ghal liema merkanzija l-konvenut hallas permezz ta' cekkijiet mahrugin fuq l-HSBC Bank (Malta) plc, liema cekkijiet madanakollu baqghu ma issarfux ghal ragunijiet li jaf ben tajjeb il-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u hdax-il lira lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm311.65), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------